# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 4 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 285/01**

**Numru 30**

**Ancams Ltd**

**vs**

**Clint Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-ammont ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm332.60) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u sabiex jirritorna zewg Chest Freezers proprjeta tal-esponenti lilhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-7 ta' Ottubru 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 8 tal-atti u d-dokuemnti a fol 9.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-21 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm332.60,0 bl-imghax legali mill-5 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-7 ta' Ottubru 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur